***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 10**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online minħabba it-tixird tal-Covid 19 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din il-laqgħa qed issir *online* u mhux bħas-solutu minħabba ċ-ċirkostanza li nqalet tal-Covid 19 u għaldastant *streaming* tagħha mhux ser jkun hemm hekk kif ħarġet id-direttiva f'din iċ-ċirkostanza.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Patrick Camilleri talli organizza sistema biex il-laqgħa issir *online.*

10.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier il-Perit John Schembri u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa.

10.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 9 tat-12 ta' Frar 2020:***

Il-Kunsillier s-Sur Patrick Camilleri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issekondat. Il-votazzjoni kienet 3 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

10.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

10.3.1 Laqgħa mal-membri kollha tal-Kunsill (35/0792/20 I):

Is-Sindku qal illi l-Onor Owen Bonnici jixtieq jiltaqa mal-Kunsill nhar it-13 ta'April fil-5.00pm. Huwa kompla jħid illi minħabba ċ-ċirkostanza tal-Covid 19 mhux ser tkun possibli illi niltaqgħu u jekk l-Onor. Bonnici jaċċetta l-laqgħa issir online.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

10.3.2 **Yoga Session (35/0679/20/I):**

Is-Sindku nforma lill Kunsilliera illi s-Sinjura Amanda Vassallo tixtieq li tagħmel *yoga session* minn Mejju sa Settembru għal prezz ta' €20 kull *session.* Huwa spjega illi peress li aħna ma għadniex post fejn jsiru dawn il-lezzjonijiet allura ser jsiru fl-apert fuq il-*promenade*.

Is-Sindku qal li Kunsilli oħra qed jsiru b'xejn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jsiru b'xejn minħabba li l-Kunsill jkun applika għal fondi tal-*voluntary fund*. Hija staqsiet jekk jkun hemm xi ħadd li nteressat li jgħamel korsijiet jekk il-Kunsill jilqax it-talba tiegħu.

Is-Sindku weġiba li l-importanti li ma jkunx *yoga*.

Il-Kunsill qabel li għal din is-sena dan il-kors jiġi mħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qal illi s-*sessions* għandhom jkunu siegħa darba fil-ġimgħa.

10.3.3 **Karnival Sajf Marsaskala (35/0705/20/I):**

Is-Sindku qal illi l-fondi li l-Kunsill jirċievi għal ispejjeż tal-Karnival Sajf huma ta' €5000 min-naħa tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jispjega illi l-ispejjeż illi l-Kunsill jonfoq huma ħafna iktar mil-flus li jdaħħal.

Is-Sindku qal li ħaġa li huwa ma jgħamilx sens minnha u anke talba l-assistenza tal-Viċi Sindku peress li taħdem fi ħdan il-Ministeru illi l-Kunsill irid iħallas €2500 lil Festival Malta meta dawn jaqu taħt l-istess Ministeru. Allura huwa talab lil Viċi Sindku s-Sinjorina Janice

Falzon illi għal Karnival ta' din is-sena jekk dejjem isir, il-flus lil Festival Malta ma jitħalsux u b'hekk il-Kunsill jkun jista jutillizza aħjar il-fondi.

- ***Il-Kunsilier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajr ikkolegaw għal din il-laqgħa online fil-5.30pm.***

Is-Sindku reġa spjega ta' maljar is-suġġett tal-Karnival lill-Kunsilliera li kienu għadhom kif ingħaqdu fil-laqgħa u kompla jgħid illi jekk min-naħa tal-Ministeru ma jaċċettax illi lil Festival Malta ma nħalsuhomx peress li jaqa` taħt l-istess Ministeru minn fejn nirċievu l-fondi allura mhux ser jifdal l-ebda għażla oħra ħlief li nitolbu għajnuna lil tal-ħwienet u jekk ma jaċċettaw allura il-Karnival tas-Sajf ma jsirx għaliex il-Kunsill qed joħroġ ħafna iktar fondi milli jdaħħal.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa tal-opinjoni illi qabel ma naslu għal konklużjoni illi l-Karnival Sajf ma jsirx għandna nitolbu lil Ministeru l-ewwel sabiex ma nħalsux l-ispejjeż ta' Festival Malta u jekk ma jaċċettax nitolbu għajnuna lil tal-ħwienet.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

10.3.4 <u>**Direct Payment fuq l-internet banking**</u>:

Is-Segretarju Eżekuttiv talba l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-bank jiftħilna is-servizz ta' *direct payment* fuq l-*internet banking* ħalli f'din iċ-ċirkostanzi li qegħdin fija l-istaff tal-Kunsill jaħdem mid-dar allura nkunu nistgħu noħorġu l-pagamenti.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi huwa tal-opinjoni illi l-*allowance* tal-Kunsilliera tibda titħallas b'dan il-mod.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qabel mal-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan isir biss f'ċirkostanza straordinarja u kif kollox jiġi għan-normal, il-pagamenti kollha inkluż l-*allowance* tibqa titħallas biċ-ċekkijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-bank jiftaħ id-*direct payment* fuq l-*internet banking*.

10.4 <u>***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***</u>

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

10.5 <u>***Rapporti:***</u>

Ma kienx hemm rapporti.

10.6 <u>***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***</u>

Ma kienx hemm items oħra.

10.7 <u>***Korrispondenza:***</u>

10.7.1 <u>***Avviż dwar penali amministrattiva Bajja San Tumas (35/0695/20/I)***</u>

Is-Sindku spjega illi il-Kunsilliera l-każ li kien diġa tressaq quddiem il-Kunsill xhur ilhu fuq il-multa li kien irċieva l-Kunsilll ta' ftit iktar minn €1,000.00 għax kien intefa terrapien fil-Bajja ta' San Tumas biex jimtlew il-gandotti li kienu infetħu mill-maltemp sabiex ma jkunux ta' periklu għal karozzi u n-nies. Huwa kompla jispjega illi din ilha issir dawn l-aħħar 20 sena, iżda is-sena l-oħra xi ħadd ġibed ritratti u l-ERA immultat il-Kunsill. Huwa qal li hu kien tkellem mal-ERA fejn wara li spjegalhom x'kien ġara kienu qalulu illi ser jirtiraw il-multa. Huwa tenna illi ftit tal-ġimgħa ilhu l-Kunsill irċieva reġa r-rikjetsa biex titħallas il-multa iżda din id-darba kienet 'l fuq minn €16,000.00. Huwa qal li ħassu ħafna urtat b'din l-inġustizia għaliex il-Kunsill ma kienx ħallas l-ewwel multa għax kienu qalulu li ser tiġi irtirata.

Is-Sindku kompla jispjega illi wara li ġiet iċċarta din il-kwistjoni mal-ERA, huma fehmu x' ġara u reġa bagħtu talba finali bil-multa li tammonta €1350.00 u l-każ jiġi magħluq.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li importanti li ma terġax issir għaliex dan it-terrapin kien waqa fil-baħar u ħammeġ il-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mportatni li dan il-każ ma jerġa issir.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din il-multa titħallas u ma jerġax jintefa terrapin.

10.7.2 **<u>Berġa Marsaskala (35/0586/20/I):</u>**

Is-Sindku spejga illi l-bini tal-Kunsill għadu ma bediex għaliex il-kuntratturi kienu imsiefra u kif ġew lura kellhom jgħamlu kwaratina mandatorja. Huwa qal illi kienu kelmuħ telefonikament bid-diskrepanza li kien hemm fil-piling.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi importanti li jibgħatuha bil-miktub ħalli tkun tista tiġi diskussa waqt is-seduta tal-Kunsill.

Is-Sindku kompla jitkellem illi kellhu laqgħa rigward il-berġa l-Ministeru fejn kienu qed jitolbu illi tittieħed parti ikbar mil-bini tal-Kunsill sabiex tkun tista tikber il-berġa.

Huwa qal illi hu mill-ewwel kien infurmahom illi ma jaqbielx għaliex ma jistax jkun hemm tnaqqir mill-*area* tal-bini amministrattiv tal-Kunsill, imma ried jgħaddija kunsill għad-diskussjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon issuġeriet illi jieħdu l-kamra tal-*pump room* li tinsab faċċata tal-bini propost tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-*pump room* ma jafx jekk għadiex tintuża jew le imma l-art biswiet il-kamra hija vojta ukoll u jekk iridu tista issir talba biex joħduha.

Is-Sindku qal illi ħdejn il-bini tal-Kunsill għand hemm biċċa *area* li mhux ser tinbena jekk iridu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa ma jaqbilix li jkompli jitnaqqar il-ġnien u għaldaqstant jkun aħjar jekk tiġi proposta l-art faċċata tal-Kunsill, fejn eventwalment ġej il-lift.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nissuġerulhom l-art li hemm faċċata tal-Kunsill fejn hemm il-pump room.

10.7.3 **<u>Insurance Parkeġġ fl-iskola (35/0507/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex issir *insurance* għal parkeġġ pubbliku fil-parkeġġ tal-iskola 'l ġdida sabiex jintuża mir-residenti wara l-ħin tal-iskola kienet ser tiswa €550 fis-sena. Huwa kompla jispejga illi hu kien ikkomunika mal-iskola sabiex l-*insurance* issir min-naħa tal-iskola, iġifieri tiżdied mal-polza tagħhom u l-Kunsill iħallas id-differenza. Huwa qal li kien issuġeriha għax hemm kien ġie ssuġerit waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill u huma min-naħa tagħhom qed jiddiskutuwha mal-*finance department*.

10.7.4 **<u>Traffic Sign Post (35/0701/20/O):</u>**

Is-Sindku qal li hemm mozzjoni fuq din u għaldaqstant ser tiġi diskussa waqt il-mozzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ikkomunika online għal din il-laqgħa fis-6.00pm***

10.7.5 **<u>Amemdments Constitution Douzelage (35/0648/20/I):</u>**

Is-Sindku beda biex jispjega illi peress l-Ingilterra ħarġu mill-Unjoni Eropeja huma qed jitolbu illi Sherbourne tibqa bħala membru fi ħdan id-Douzelage bi dritt li jkollha sehem fid-diskusjoni u anke fil-vot. Huwa qal li huwa ma jaqbielx assulutament.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa jaqbel li jkollhom sehem fid-diskussjoni iżda mhux fil-vot.

10.7.5 **<u>Amemdments Constitution Douzelage (35/0648/20/I):</u>**

Is-Sindku beda biex jispjega illi peress l-Ingilterra ħarġu mill-Unjoni Eropeja huma qed jitolbu illi Sherbourne tibqa bħala membru fi ħdan id-Douzelage bi dritt li jkollha sehem fid-diskusjoni u anke fil-vot. Huwa qal li huwa ma jaqbielx assulutament.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li huwa jaqbel li jkollhom sehem fid-diskussjoni iżda mhux fil-vot.
Is-Sindku qal illi huma kienu diġa iddiskutew fl-AGM illi jekk iridu, jistu jibqu membri fid-Douzelage pero` la jkollhom sehem fid-diskusjoni u lanqas fil-vot.

Is-Sindku qal li għandna tinbagħat ittra formali bl-għajnuna tal-Kunsillier Dr. Errol Cutajar li mhux ser nipparteċikaw f'din id-diskussjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

Il-Kunsilier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk hux ser isir l-AGM din is-sena.

Is-Sindku wieġbu li ġiet posposta għal Settembru.

10.7.6 **<u>PC 0024/18 Former East House No 9 Triq il-Grigal ma Triq is-Sajjieda (35/0593/20/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi għalkemm il-Kunsill kien oġġezzjona l-permess ħariġlu.

10.7.7 **<u>Sit Abbandunat Enforcement Triq is-Sliem (35/0590/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-risposta min-naħa tal-enforcement tal-PA kienet illi l-iskart li hemm ma jikkwalifikax għal avviż t' infurzar.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi irirdu nitolbuh jtella ċ-ċint kemm suppost għax għandu l-filati neqsien u ser jibqu iħamġu.

Is-Sindku qal li ngħamlu 2 tabelli bil *u shaped barriers*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru t-tabelli bil-*u shaped barrier*, filwaqt li titnaddaf u l-kont jintbagħat lil sid l-art.

10.7.8 **<u>Easter Activity (35/0678/20/I):</u>**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi minħabba l-Covid 19 din l-attivita` tħasret.

10.7.9 **<u>KSFA Cleanup and Children Activities (35/0677/20/I):</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel irridu naraw x'ser jiġri minn din is-sitwazzjoni tal-Covid 19 peress li d-dati tal-attivita` huma fit-28/6/20 u 12/7/20

10.7.10 **<u>Laqgħa mal-membri kollha tal-Kunsill Marsaskala (35/0711/20/)</u>**

Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni f'punt 10.3.1

10.7.11 **Quotation for Fireworks Display Festa 2020 :**

Peress li din is-sena l-festi ġew imħassra kollha din il-materja għandha tiġi diskussa ghas-sena 2021.

10.7.12 **Playground Inspection:**

Is-Segretarju Eżekettiv qal li wara li tlesta il-bandli ta' Spazzju Rikrejattiv Alfred Debono u dan sar wara li l-Kunsill kien ġab il-permessi kollha relatati u skond l-ispeċifikazzjonijiet mitluba, l-MCCAA ħarġu rapport bin-nuqqasijiet li sabu li hemm fil-bandli. Huwa kompla jispjega illi fost dawn in-nuqqasijietli diġa ġew indirizzati, kienu il-bankijiet għaliex kienu viċini r-*railing*, nuqqas ta' tabelli li ġew ordnati u kellhom ukoll jiġu mresqa xi bins. Huwa kompla jgħid li problema li għad trid tiġi indirizzata hija illi r-railing bejn il-virga ta' fuq u dik ta' taħta hemm spazju biżżejjed illi tifel jista jgħaddi u għaldaqstant qed jaraw x'jista jsir biex jitnaqaas dan il-periklu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi irridu nużaw materjal addattat.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi biex nwaslu l-messaġġ illi l-bandli ma jistax jintuża baxxew id-dawl li hemm fi Ġnien Sant'Anna, Spazzju rikjrejattiv Alfred Debono u issa qed jaħdmu biex inaqsu d-dawl ta' Pjazza Mifsud Bonnici u Ġnien San Tuams.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal li jibża li mingħajr dawl adekwat jista jkun hemm abbużi.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-bandli huwa magħluq u diffiċli biex wieħed jidħol ġo fih. Huwa saħaq li ma hemm imkien perikoluż

10.7.13 **Data tal-laqgħa tal-lokalita`:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi f 'din iċ-ċirkostanza l-laqgħa annwali tal-lokalita` mhux ser issir, iżda xorta jrid issir ir-rapport amministrattiv u talab sabiex kull Kunsillier jibgħat l-artiklu tiegħu tax-xogħol li wettaq kemm jista jkun malajr.

10.7.14 **Sleeping Policeman Bajja San Tumas:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi kien iltaqa ma rappreżentanti ta TMalta għaliex kienu ser jerġgħu jwaħħlu 5 *sleeping policeman* f'din it-triq mingħajr ma ikkonsultaw mal-Kunsill. Huwa qal li wara diskussjonijiet sar qbil illi jeħlu 2 sleeping policeman waħda fil-bidu tat-triq u l-oħra fit-tarf tat-triq, u f'nofs tat-triq ħdejn il-Kappela ta' San Gaetano issir *zebra crossing.*

10.7.15 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera bl-andament taż-żjara li kellu ġewwa Israel u qal illi jekk kollox jiġi għan-normal ser jiġu żewġ mużiċisti waqt l-inawgurazjoni tal-monument tad-diversita` fi Triq iż-Żpnqor. Huwa kompla jgħid illi spejjeż mhux ħa jkun hemm involuti ħlief ta' xi ikel.

10.7.16 Is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qabdu persuna sabiex tikreja *website* informattiva u b'informazzjoni utli fijha fuq il-Covid 19. Din il-wesite ser tibqa attiva tul iż-żmien kollha tal-Covid 19.

Is-Sindku kompla jgħid illi minflokk €2000 ser tiġina €500.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitħallas l-ammont ta' €500 lis-Sur Stephen Bell min kreja din il-*website.*

10.7.17 Is-Sindku spjega lil Kunsilliera illi ġie avviċinat mil-*Managing Director* tal-OZO fejn din il-kumpanija tħaddem madwar 2300 ħaddiema u fil-preżent għandu 900 ħaddiem li ma għandux xogħol għalijom u talab l-għajnuna jekk jistawx dawn il-ħaddiema jaħdmu mal-Kunsilli. Huwa kompla jispjega li qed isiru diskussjonijiet mas-Sur Mario Fava u jekk isir ftehim bejnithom il-Kunsill ta' Marsaskala jista jitlob għal 8 ħaddiema oħra.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li forsi jkunu jistgħu jwaslu xirja lil persuni li ma jistgħux joħorġu mid-djar tagħhom.

Il-Kunsill qabel illi jekk isir ftehim jiġu assenjat 8 ħaddiema mal-Kunsill.

10.7.18 Is-Sindku qal illi wara ħafna tentattivi sabiex il-Kuntrattur tal-*patching* jgħamel ix-xogħol mitlub lilhu li dan qatt ma sar, huwa qal sabiex dan il-kuntratt jiġi terminat u tinħareġ sejħa oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntrattur jaħdem ma *Infrastrucure Malta* ukoll u anke kien qed jagħmel xogħol għalijom ġo Marsaskala u xorta ma marx jagħmel ix-xogħol mitlub minnha li ilna nitolbuh għal żmien twil.

Il-Kunsill qabel li jiġi itterminat il-kuntratt li għandna fil-preżent tal-*patching* u tinħareġ sejħa oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ser jsir it-tarmak fi Triq tal-Buttar min-naħa ta' *Infrastructure Malta* u l-arbli tad-dawl li hemm fil-preżent ser jiġu ixxiftajti għaliex inkella ser jiġu ġo nofs il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi Triq id-Daħla ta' San Tumas fis-sena 2002 il-Kunsill kien hemm *major patching* ġo fijha u kien ħallas għalija l-Kunsill filwaqt li l-parti taż-Żejtun kienet saret mil-gvern ċentrali. Huwa kompla jgħid illi din is-sena l-parti tan-naħa taż-Żejtun reġet saret min-naħa ta' *Infrastructure Malta* u għaldaqstant għandna nitolbu lil *Infrastructure* Malta biex il-parti li tagħmel ma Marsaskala issir minn *Infratructure Malta* ukoll għaliex hemm bżonn li issir.

Is-Sindku qal li l-*Ingineer* ta' *Infrastructure Malta* dejjem ta kas ir-rikjesti tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu lil *Infrastructure Malta* sabiex Triq id-Daħla ta' San Tumas il-parti li tgħamel ma Marsaskala issir min-naħa tagħhom.

10.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:</u>***

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-<u>Petty Cash</u> għax xahar ta' Frar 2020.

10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lll-Kunsill bl-invoices li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Oasis | Consumables | 1664 | €3.80 |
| Oasis | Consumables | 1660 | €43.57 |
| Ofici | Cartridges | INV102182-20I | €111.40 |
| Ms Doreen Mintoff | Accountant March 2020 | INV20-009 | €759.92 |

***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

10.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

10.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli (#035 - 30/1/20):</u>**

*'Jipproponi li biex niżguraw li kull ilment li jilħaq il-Kunsill Lokali jiġi riżolt, nixtieq nipproponi li f'kull seduta, tiġi ppublikata lista ta' nies li ċemplu l-Kunsill biex jilmentaw, is-suġġett tal-ilment, u d-data li fih ġie trattat l-ilment '.*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-bidu tal-Kunsill hekk kien isir u peress li s-seduti tal-Kunsill diġa huma twal ħafna u jekk ser jiġu ppreżentati l-ilment il-laqgħa mhux ser titlesta. Huwa kompla jgħid illi jista jiġi l-Kunsill u jara l-*files* tal-ilmenti.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi l-għan ta' din il-mozzjoni hija biex il-Kunsill jara x tip ta' ilmenti qed jkollu l-Kunsill u fiex jistgħa jirrenġa l-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qalab sabiex kull ilment li jkun hemm fuq facebook li jikkonċerna d-dawl jgħadduh dirett lilhu.

10.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli (#036 - 30/1/20):**

*'Jipproponi li l-għawwiema jkollhom aċċess sigur biex jinżlu jgħumu fil-bajja. Għaldaqstant, biex l-aċċess ma' jibqax ta' periklu, qed nressaq mozzjoni biex isir taraġ tal-injam minflok ir-rampa preżenti li hemm, maħdum mit-tafal tal-blatt stess'.*

Il-Kunsill qabel illi nitolbu lil FTZD lis-Sinjura Elizabeth Aquilina forsi jagħmluh min-naħa tagħhom.

10.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli (#037 - 30/1/20):**

*'Jipproponi sabiex jinħoloq spazzju rikrejattiv fiż-żona ta' Bellavista. Għaldaqstant l-art pruvata li tinsab f'idejn il-Lands Authority, tiġi mgħotija skont il-liġi, lill-Kunsill Lokali u tinbidel fi spazju miftuħ. Permezz ta' tqegħid ta' ħamrija, isir ukoll street furniture minn materjal riċiklat u tħawwil ta' pjanti u fjuri'.*

Il-Kunsill iddeċieda illi l-art inkwistjoni li tinsab fi Triq il-Qrempuċ fejn inqalet il-ħarruba, il-Kunsillier il-Perit John Schmebri nitolbuh jiċċekja fuq l-art inwkistjoni hux privata jew le.

10.9.4 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#038 – 26/2/20):**

*'Jipproponi li peress li l-aħħar parti ta' Triq il-Vjola nbniet mill-ġdid u nfetħet għat-traffiku, nipproponi illi issir traffic management tal-area hekk kif ġej:*

- *Triq in-Nadur tibqa kif inhi*
- *Triq il-Vjola issir one way il-vetturi joħorġu fid-direzzjoni lejn Triq tal-Gardiel*
- Triq ta' Gidwet issir one way, il-vetturi jidħlu lejn id-derazzjoni ta' Triq il-Qawsalla.
- Triq Patri Wistin Born minn Triq ta' Gidwet sa Triq il-Vjola issir one way. Il-vetturi jidħlu minn Triq ta' Gidwet għad-direzzjoni ta' Triq il-Vjola.

Is-Sindku qal li l-aħjar il-Kunsilliera jmorru fuq il-post ħalli jaraw il-proposta u jekk għandhom xi suġġerimenti kif tista issir aħjar u tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

10.9.5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku u issekondata mil-Kunsiller is-Sur Charlot Mifsud (#039 – 26/2/20):**

*'Jipropni li l-junction quddiem Hasta La Vista Triq Sant'Anna isirulha xi bollards tal-plastik qabel issir xi traġedja. Qed jipparkjaw fuqha distribituri tal-merkanzija biex iħottu xogħol lill-Hasta la Vista u Jelly babies meta dawn għandhom un/loading bay'.*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

10.9.6 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon (#040 – 13/3/20):</u>**

*'Tipproponi li l-kunsill Lokali japplika għall-iskema tal-irranġar tal-komun f'binjiet tal-Gvern fil-lokalitajiet`. Aħna għandna waħda, li hija Qasam tal-Bujar, Triq il-Qrempuċ u bix-xieraq li ngħinu lil dawn it-12 il-familja residenti hemmhekk. Din l-iskema kull ma qed titlob li l-Kunsill japplika għal fondi, dejjem jekk jiġi alokati lili Eur 5,000 u minn hemmhekk jiġi identifikat Amministratur (mhux il-Kunsill) individwu jew kumpanija. Appena l-amministrattur jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa, skont il-linji gwida, dan jippresenta l-irċevuta fiskali lill-Kunsill u jitħallas tax-xogħol rispettivament'.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qali li d-dawl li hemm fil-parti komunjali tal-*housing estat*e ta' Żonqor jinsab fi stat ħażin u hemm bżonn jinbidel forsi jaqa taħt din l-iskema ukoll.

Il-Kunsill qabel uanimament illi napplikaw għal din l-iskema kemm fuq il-*housing estate* ta' Żonqor u kemm din ta' Qasam tal-Buttar.

10.9.7 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli (#041 – 16/3/20):</u>**

*'Jipproponi li illi peress li s-sitwazzjoni tal-Caravans ġewwa l-Bajja ta' San Tumas kif ukoll ġewwa Żonqor għada ma ġietx solvuta anzi jidher illi din is-sena ser jiżdiedu aktar u dan b'inkonvenjent enormi għall-pubbliku li jkun irid jgħamel użu minn dawn is-siti pubbliċi u minkejja li s-sena l-oħra l-Kunsill b'vot unanimu fassal bye law biex din l-issue tiġi diskussa fil-parlament, s'issa għadu ma sar xejn u diġa bdejna bl-ilmenti u kullħadd jipponta subajħ lejna meta żgur li min-naħa tagħna sar dak kollu possibli, wasal il-waqt li nsemmu leħinna permezz tal-media allura għandha issir konferenza stampa fuq iż-żewġ siti msemmija'.*

Is-Sindku spjega illi din il-mozzjoni ser jirtira minħabba il-fatt illi minn mindu kien għamel il-mozzjoni kien tkellem mal-Prim Ministru fejn min-naħa tiegħu tkellem mal-Ministru Byron Camilleri u filfatt twaħlu avviżi u sallum teħħew min hemm.

Is-Sindku kompja jgħid illi jħossu urtat u iddispjeċat meta l-Kunsill ilhu dan iż-żmien kollhu jiġi injorat fuq dawn il-caravans u saħansitra il-Kunsill kellu jgħamel *bye law* li ġiet tiswa eluf ta flus. Huwa kompla jisjega illi anke il-Ministru Jean Claude Micallef daħal f'din il-kwistjoni u filwaqt li irringrazzjah pero` xorta staqsa għaliex tneħħew daqshekk malajr mingħajr il-bye law.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi fuq *facebook* il-Minsitru Jean Claude Micallef tella post illi fl-opinjoni tagħha ma kienetx ġusta għaliex inatat l-impressjoni illi x-xogħol kien għamlu kollu hu u l-Kunsill qisu ġie redikolat. Hija kompleit tgħid illi kien hemm diskussjoni bejniethom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-post fuq *facebook* raha u għalkemm il-caravns telqu mil-Bajja San Tumas ħallew mandra warajhom.

Is-Sindku qal illi fil-parlament ser jiproponu fejn ser jmorru dan il-*caravans*.

Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri qal illi għandhom jikkonsultaw mal-Kunsill fejn ser jpoġġu dawn il-*caravans*.

10.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 20 ta' April 2020 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 27 ta' Marzu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFRIMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 10- is-Seba Leġislatura.**